**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 28 ta' Novembru 2001**

**Rikors Nru: 91/01B**

**Teresa Swan**

**Vs**

**Gladys von Brockdorff**

Il-Bord,

Ra r-rikors:

Illi l-esponenti tikri lill-intimata Gladys von Brockdorff il-flat internament markat bin-numru tnejn (2) f' blokk ta' appartamenti bin-numru 98, St. John's Buildings, Triq Nicolo' Isouard, sliema bil-kera ta' Lm45 fis-sena jithallas kull tliet xhur bil-quddiem. L-iskadenza li tmiss taghlaq fl-1 ta' Jannar 2002.

Illi l-flat huwa mikri bhala residenza izda l-intimata telqet minn hemm fil-bidu ta' dina is-sena u marret tabita f' Suncreek Apart Hotel, the Strand, Sliema, u f' April ta' dina sena bieghet l-ghamara kollha li kien hemm fil-flat permezz ta' irkant pubbliku biex illum il-flat huwa kompletament abbandunat u ghalhekk mhux qed jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri.

Illi l-esponenti, li ghandha 83 sena, ghandha bzonn il-flat ghall-okkupazzjoni taghha stess stante li ma tistax titla' tarag wara li recentement kisret saqajha, u dana il-flat huwa fil-pjan terran, kif ukoll biex jghix maghha binha Joseph Gatt Rutter li kellu jitlaq mid-dar matrimonjali tieghu minhabba f' separazzjoni personali.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jawtorizzaha ma ggeddidx il-lokazzjoni favur l-intimata wara l-iskadenza li tmiss ghal tliet ragunijiet fuq indikati, u konsegwentement tordna l-izgumbrament taghha fi zmien qasir u perentorju mill-imsemmi fond 98/2 Triq Nicolo' Isouard, Sliema.

Ra li l-intimata ma pprezentatx risposta u lanqas dehret ghas-seduta ta' llum.

Sema' x-xhieda bil-gurament ta' bin ir-rikorrenti Joseph Gatt Rutter.

Ra l-art 30 tal-Kap 69.

Billi jirrizulta li l-intimata bieghet l-ghamara kollha l-irkant biex thalli l-post vojt u hekk ma uzatux aktar u mhux qed tuzah ghall-ghan li ghalih inkera; billi l-intimata ma zammitx il-fond fi stat tajjeb ta' manutensjoni u hekk saret hsara kbira fil-fond; billi ir-rikorrenti tehtieg il-fond ghaliha u ghal familja;

Jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi pussess tal-fond flat bin-numru 98, St. John's Buildings, Triq Nicolo' Isouard, Sliema u hekk ma ggeddidx il-kirja favur l-intimata meta taghlaq il-kirja fl-1 ta' Jannar 2002; l-izgumbrament isehh meta taghlaq il-kirja kurrenti; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

Dep/Reg Magistrat